MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 253/2003

**Lombard Bank Malta p.l.c.**

**Vs**

**Fone Zone Limited bhala debitur principali u Emanuel Pace u martu Mary Connie Pace Decelis u Leone Ciantar u martu Grace Ciantar bhala garanti solidali**

**Il-Qorti.**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha l-Bank attur ippremetta illi permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Anthony abela li jgib id-data tas-sbatax (17) ta’ Marzu tas-sena elfejn (2000) li kopja legali tieghu hija hawn annessa u mmarkata Dok “A” ikkonceda lis-socjeta’ konvenuta Fone Zone Limited facilita ta’ “overdraft” u in forza ta’ din il-facilita l-imsemmija socjeta’ konvenuta sselfet flus minghand il-Bank attur u ghandha debitu bilancjali

komplessiv favur l-istess Bank attur ta’ sittax-il elf mitejn u hamsa u hamsin liri Maltin , u disgha u erbghin centezmi (Lm16,255.49) skond zewg “statements” hawn annessi u mmarkati Dok “B” u Dok “C” bl-interessi kkalkolati sal-ghoxrin (20) ta’ Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003) oltre l-imghaxijiet ulterjuri milll-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003) sad-data tal-pagament effettiv .

Premess illi s-socjeta’ konvenuta Fone Zone Limited ggarantiet l-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu permezz ta’ ipoteka generali fuq hwejjigha kollha prezenti u futuri u inoltre l-konvenuti l-ohra konjugi Pace u konjugi Ciantar flimkien bejniethom iggarantew b’mod solidi flimkien mas-socjeta’ konvenuta l-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu permezz ta’ ipoteka generali fuq il-hwejjeg kollha taghhom presenti u futuri u dan oltre ipoteka specjali kostitwita mill-konvenuti Emanuel Pace u martu Mary Connie Pace Decelis fuq dar minghajr numru jisimha “Pace Decelis” il-Mosta proprjeta’ taghhom kif ahjar deskritt fl-imsemmi kuntratt hawn anness u mmarkat Dok “A” ;

Premess illi permezz ta’ skrittura privata ta’ garanzija li l-original taghha hija hawn annessa u mmarkata Dok “D” il-konvenuti Emanuel Pace u martu Mary Connie Pace Decelis kienu wkoll igarantew solidament mas-socjeta’ konvenuta l-hlas lira ta’ dan id-debitu sa l-ammont ta’ hmistax-il elf lira Maltin (Lm15,000) skond kif hemm ahjar deskritt ;

U premess illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dan id-debitu anke ufficjalment , il-konvenuti baqghu inadempjenti ;

Ghaldaqstant il-Bank attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Jigu l-konvenuti kollha solidalment ikkundannati sabiex ihallsu lill-Bank attur is-somma ta’ sittax-il elf mitejn hamsa u hamsin liri Maltin disgha u erbghin centezmi (Lm16,255.49) skond zewg “statements” hawn annessi u mmarkati Dok “B” u Dok “C” bl-interessi kkalkolati sal-ghoxrin (20) ta’ Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003) oltre l-

imghaxijiet ulterjuri mil-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003) sad-data tal-pagament effettiv .

Bl-ispejjez kollha, inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll dawk ta’ l-ittra ufficjali li ggib id-data tat-18 ta’ Ottubru, 2002, u bl-imghaxijiet legali mil-21 ta’ Frar 2003 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa, flimkien mad-diretturi tas-socjeta’ konvenuta, ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta’ Raymond Formosa;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------